**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**IT-TLETTAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IX-XOGĦOL TAL-KAMRA**

**LAQGĦA NRU 5**

**It-Tnejn, 3 ta' Lulju 2023**

Il-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra ltaqa' fil-Kamra tal-Kumitati 3 fil-binja tal-Parlament, il-Belt Valletta, fit-3.05 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippresieda.

**PREŻENTI**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, u Kap tal-Kamra, l-Onor. Chris Fearne, il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri, is-Segretarju Parlamentari u Whip tal-Gvern, l-Onor. Andy Ellul u l-Onor. David Agius.

**MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 4 tad-19 ta' April 2023 ġew ikkonfermati.

**OMBUDSPLAN 2022 u 2023**

Il-Kumitat stieden lill-Ombudsman l-Imħallef Emeritu Joseph Zammit McKeon, sabiex jieħu parti fil-Kumitat ħalli jagħmel preżentazzjoni kif ukoll iwieġeb għal xi mistoqsijiet jew osservazzjonijiet li jsirulu fuq l-Ombudsplan 2022 u 2023 li tpoġġew mill-Ispeaker fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta 491 tal-4 ta' Ottubru 2021 u fis-Seduta 27 tat-3 ta' Ottubru 2022 rispettivament.

Fil-preżentazzjoni tiegħu l-Ombudsman qal li se jkun qed jikkonċentra l-aktar fuq l-Ombudsplan għas-sena 2023. Huwa rrileva li l-highlight ta' dan ir-rapport huwa l-ħtieġa ta' aktar kuntatt bejn l-Uffiċċju tal-Ombudsman u l-Kamra tad-Deputati u f'dan ir-rigward irrefera għall-bżonn li l-Parlament jieħu inkonsiderazzjoni dawk il-ftit każijiet li jiġu riferuti lilu *ai termini* tal-istess Att dwar l-Ombudsman. Huwa informa lill-Kumitat li huwa diġà kellu diskussjoni dwar dan mal-Whips taż-żewġ naħat tal-Kamra.

Fir-rigward tar-relazzjoni tal-Uffiċċju tiegħu mal-Amministrazzjoni Pubblika minn mindu huwa ġie maħtur Ombudsman, fost affarijiet oħra huwa jinnota li sar kambjament għall-aħjar. L-Ombudsman attribwixxa dan għall-fatt li huwa jemmen f'approċċ proattiv u mhux fil-konfontazzjoni. Żied li jemmen ukoll fil-prinċipju tal-governanza u f'dan il-kuntest irrefera għall-protokoll 12 tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani (ECHR) li jitkellem dwar l-obbligu li l-Amministrazzjoni Pubblika ma tagħmilx atti ta' diskriminazzjoni. Irrimarka

li għalkemm dan il-protokoll ġie ratifikat, fil-liġi għada ma daħlitx dispożizzjoni li tagħti r-rimedju domestiku biex persuna l-ewwel tmur quddiem il-Qorti u mbagħad wara tmur Strasburgu.

Fil-preżentazzjoni tiegħu l-Ombudsman irrefera għal-laqgħat riċenti li l-Uffiċċju tiegħu flimkien ma' dak tal-Awditur Ġenerali u dak tal-Istandards fil-Ħajja Pubblika kellhom ma rappreżentanza tal-Organisation for Economic Co-opertaion and Development (OECD). Huwa qal li filwaqt li huwa tajjeb li jkollok entitajiet esterni li jiġu Malta biex jagħtuna l-pariri, huwa jemmen li aħna kapaċi nirregolaw l-affarijiet tagħna u nimplimentaw ċertu affarijiet li kellmuna dwarhom l-istess OECD kif ukoll il-Venice Commission.

Fost il-punti l-oħra li tqajmu kien hemm il-kwestjoni taż-żewġ terzi u l-anti-deadlock mechanism fir-rigward tal-ħatra tal-Ombudsman, dwar in-numru ta' lmenti li qed jiġu riferuti lill-Uffiċċju tal-Ombudsman u dwar iż-żieda żgħira fl-estimi li hija attribwibbli prinċipalment għaż-żidiet fis-salarji.

Il-Membri kollha tal-Kumitat ħadu sehem fid-diskussjoni billi għamlu l-mistoqsijiet tagħhom lill-Ombudsman dwar punti li ħarġu mill-preżentazzjoni tiegħu kif ukoll dwar il-ħidma ġenerali tal-Uffiċċju tal-Ombudsman. Fost il-punti li tqajmu kien hemm ir-rwol tal-Uffiċċju tal-Ombudsman f'fora internazzjonali bħall-Assoċjazzjoni tal-Ombudsman tal-Mediterran u l-konferenza ġenerali ta' din l-Assoċjazzjoni li se ssir Malta f'Novembru 2023 fl-għeluq it-30 sena minn meta l-Ombudsman ġie kostitwit Malta bit-tema "The right to good public administration" li tittratta t-traspożizzjoni fil-liġi domestika tal-prinċipju li jeżisti fl-artikolu 41 tal-Charter tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

L-Ispeaker irringrazzja lill-Ombudsman tal-preżentazzjoni tiegħu u talbu jirtira mill-Kumitat.

Il-Kumitat qabel li jirrakkomanda lill-Parlament l-approvazzjoni tal-Ombudsplans għas-snin 2022 u 2023. L-Ispeaker informa lill-Kumitat li huwa kien se jiċċirkola t-traskrizzjoni ta' din laqgħa lill-Membri Parlamentari sabiex sussegwentement titressaq fil-Kamra l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Ombudsplans 2022 u 2023 skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 10(4) tal-Att dwar l-Ombudsman (Kap. 385).

Fit-3.49 p.m. il-Kumitat aġġorna għal data oħra li tiġi komunikata aktar tard.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**